MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 1968/1998/1

**Victor Sammut**

***Versus***

***Castille Hotel Limited***

F'din il-kawża l-attur, li kien impjegat mas-soċjetà konvenuta, qiegħed jitlob ħlas għal vaganzi, sahra u *allowance* speċjali.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta mill-1 ta' Jannar 1992 sal-31 ta' Diċembru 1997. Tul l-impjieg tiegħu l-attur ma ngħatax ħlas skond il-liġi għal vaganzi pubbliċi, għal żmien twil ma tħallasx għal sahra, u għall-aħħar ħames snin ta' l-impjieg tiegħu ma tħallasx *special allowance* miftiehem ta' għoxrin lira (Lm20) fil-ġimgħa. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuta, b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Frar 1998, sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dak li kellha tagħtih, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi din il-qorti, wara li tillikwida l-ammont li għandu jieħu, tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. it-talbiet ta’ l-attur waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2147(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili; u
2. l-attur dejjem tħallas tax-xogħol u sahra li għamel.

B’sentenza mogħtija fis-7 ta’ Lulju 2003[1] il-qorti ipprovdiet dwar l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta billi laqgħet dik l-eċċezzjoni dwar dak li seta’ kellu jieħu l-attur qabel il-5 t’Ottubru 1997.

L-impjieg ta’ l-attur intemm fid-9 ta’ Novembru 1997, kif jidher mill-ittra tal-Korporazzjoni dwar l-Impjieg u t-Taħriġ tal-10 ta’ Marzu 1998[2]. Għalhekk iż-żmien relevanti għall-għanijiet ta’ din il-kawża huwa dak bejn il-5 t’Ottubru 1997 u d-9 ta’ Novembru 1997. Fis-seduta tal-10 ta’ Ġunju 2004[3] l-attur stqarr illi f’dak iż-żmien hu ma daħalx għax-xogħol. Għalhekk ma jistax jippretendi li jitħallas għal sahra li ma għamilx u għal Ħdud u festi li ma ħadimhomx.

Dwar l-*allowance* speċjali, l-attur xehed fis-17 ta’ Marzu 2000 illi din kienet parti mill-paga “li ma kinitx iddikjarata” għal għanijiet fiskali[4]. Min ikun kompliċi fi ftehim li jwassal għal evażjoni fiskali ma jistax jitlob il-għajnuna tal-qorti biex jieħu benefiċċju minn dak il-ftehim, u għalhekk lanqas it-talba għall-*allowance* ma tista’ tintlaqa’.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha ta’ l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

1 *Foll*. 111 *et seqq.*
2 *Fol*. 119.
3 *Fol*. 122ª.
4 *Foll*. 19 *et seq.*